

RIŻOLUZZJONI ⁽¹⁾**dwar il-ġlieda kontra l-faqar u l-eskluzzjoni soċjali fil-pajjiżi Msieħba tal-Lvant**

(2013/C 338/04)

L-ASSEMBLEA PARLAMENTARI EURONEST,

- wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Samit dwar is-Sħubija tal-Lvant li sar fi Praga fis-7 ta' Mejju 2009,
- wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Samit dwar is-Sħubija tal-Lvant li sar f'Varsavja fid-29-30 ta' Settembru 2011,
- wara li kkunsidrat l-Att Kostitwenti tal-Assemblea Parlamentari EURONEST tat-3 ta' Mejju 2011,
- wara li kkunsidrat l-Artikoli 8 u 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Lisbona li jemenda t-Trattat tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, iffirmit f'Lisbona,
- wara li kkunsidrat il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2008 intitolata "Is-Sħubija tal-Lvant" (COM(2008)0823),
- wara li kkunsidrat il-Komunikazzjoni Konġunta tal-25 ta' Mejju 2011 mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni dwar "Risposti Ġodda għal Viċinat fi Trasformazzjoni",
- wara li kkunsidrat il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2007 intitolati "Politika Ewropea tal-Viċinat b'Saħħitha", tal-4 ta' Diċembru 2006 dwar "It-Tisħiħ tal-PEV", tat-12 ta' Mejju 2004 intitolata "Politika Ewropea tal-Viċinat – Dokument ta' Strateġija", u tal-1 ta' Marzu 2003 intitolata "Ewropa Usa" – Viċinat: Qafas ġdid għar-relazzjonijiet mal-ġirien tagħna tal-Lvant u n-Nofsinar',
- wara li kkunsidrat il-Komunikazzjoni Konġunta tal-15 ta' Mejju 2012 mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni dwar "Sħubija tal-Lvant: Pjan direzzjonali għas-Samit tal-Ħarifa 2013",
- wara li kkunsidrat il-Komunikazzjoni Konġunta tal-15 ta' Mejju 2012 tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni dwar "Inwettqu Politika Ġdida Ewropea tal-Viċinat" (JOIN(2012)14), id-dokument ta' ħidma tal-persunal konġunt ta' akkumpanjament dwar "Implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fir-Rapport Reġjonali 2011: Sħubija tal-Lvant" u r-rapporti ta' progress tal-pajjiżi tal-2011 għall-Armenja, l-Azerbajġan, il-Ġeorġja, l-Ukraina, u r-Repubblika tal-Moldova,
- wara li kkunsidrat il-Komunikazzjoni Konġunta tal-20 ta' Marzu 2013 mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni intitolata "Politika Ewropea tal-Viċinat: Naħdmu lejn sħubija iktar b'saħħitha",
- wara li kkunsidrat in-negozjati bilaterali li għaddejjin dwar il-ftehimiet ta' sssoċjazzjoni bejn l-UE u l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Ġeorġja u r-Repubblika tal-Moldova, kif ukoll il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni ffirmit bejn l-UE u l-Belarus fl-1995, iżda li ma ġiex ratifikat,
- wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjonijiet preċedenti tal-Parlament Ewropew dwar id-dimensjoni tal-Lvant tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, u dwar l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Belarus, il-Ġeorġja, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukraina,

(¹) Kif adottata fi Brussell fit-28 ta' Mejju 2013.

- wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2011 dwar ir-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat – Dimensjoni tal-Lvant ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2011 dwar ir-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2012 dwar l-aspetti kummerċjali tas-Sħubija tal-Lvant ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tat-3 ta' April 2012 tal-Assemblea Parlamentari EURONEST dwar it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, inkluża l-kwistjoni tal-kooperazzjoni bejn il-gvern u s-soċjetà ċivili, u l-kwistjoni tar-riformi mmirati lejn l-għoti ta' setgħa lis-soċjetà ċivili,
 - wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti ta' Settembru 2000, u r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tad-19 ta' Ottubru intitolata 'Iż-Żamma tal-Wegħda: Nilħqu l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju',
 - wara li kkunsidrat l-implimentazzjoni tas-“Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali” mill-Unjoni Ewropea fl-2010,
 - wara li kkunsidrat ir-Regoli ta' Proċedura tagħha,
- A. billi t-terminu “faqar” jirreferi għal stat ta' nuqqas ta' introjtu u ta' biżżejjed riżorsi materjali għall-ħajja dinjituża, inkluż aċċess mhux adegwat għal servizzi bażiċi bħall-kura tas-saħħa, abitazzjoni, edukazzjoni u esklużjoni mis-suq tax-xogħol; billi l-kunċett ta' esklużjoni soċjali għandu tifsira usa' u huwa relatat direttament mal-faqar;
- B. billi s-Sħubija tal-Lvant, bħala dimensjoni speċifika tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, tnediet sabiex tappoġġja l-imsieħba tal-Ewropa tal-Lvant fl-isforz tagħhom sabiex jipproċedu b'riformi sostenibbli, bl-għan li jitħaffu l-assoċjazzjoni politika tagħhom u l-integrazzjoni ekonomika mal-UE;
- C. billi waqt it-tieni Samit tas-Sħubija tal-Lvant, li sar fil-Varsavja fid-29-30 ta' Settembru 2011, il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern u r-rappreżentanti tal-Armenja, l-Azerbajġan, il-Ġeorġja, ir-Repubblika tal-Moldova, u l-Ukraina, u r-rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea gēddew l-impenji tagħhom għall-miri u l-implimentazzjoni kontinwa tas-Sħubija tal-Lvant;
- D. billi l-iffirmar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Unjoni Ewropea, u speċjalment il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles profond u komprensiv (DCFTAs) joħloq opportunitajiet ġodda għall-imprendituri, il-kummerċ internazzjonali u l-iżvilupp tas-suq;
- E. billi r-rikonfigurazzjoni tal-finanzi pubbliċi fil-pajjiżi post-Sovjetiċi, inklużi l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, f'konformità mal-prinċipji tal-ekonomija tas-suq, irriżultat f'infq drammatikament imnaqqas fis-saħħa, l-edukazzjoni u programmi soċjali oħra, li jwasslu għal żieda qawwija fil-faqar;
- F. billi skont ir-rapporti tal-pajjiżi tal-2011 tal-Kummissjoni dwar l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Ġeorġja, ir-Repubblika tal-Moldova, u l-Ukraina, f'bosta minn dawn il-pajjiżi iktar minn 30% tal-popolazzjoni tagħhom kienet tgħix taħt il-livell tal-faqar nazzjonali;
- G. billi l-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, fost oħrajn, b'riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, u l-gruppi l-iktar vulnerabbli, bħall-anzjani u l-persuni b'diżabilità, kienu l-aktar serjament affettwati minnha;
- H. billi n-nutrizzjoni ħażina inġenerali mhijiex rikonoxxuta, skoperta u mmaniġġjata biżżejjed u hija konnessa direttament mal-livell ta' faqar u esklużjoni soċjali fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant;

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2011)0153.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2011)0576.

⁽³⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0276.

- I. billi n-nutrizzjoni ħażina għandha effetti negattivi li jdumu u tostakola l-iżvilupp b'saħħtu u l-produtività tul il-ħajja tal-individwi, partikolarment it-tfal, li twassalhom għal nuqqasijiet ta' tagħlim u memorja, IQ u suċċess fl-iskola iktar baxxi, u problemi fl-imġiba fit-tfulija u l-adoloxxenza;
- J. billi l-faqar estrem jista' jwassal għal erożjoni serja tad-dinjità umana, il-marġinalizzazzjoni, id-diskriminazzjoni u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi mhux demokratiċi;
- K. billi l-faqar tat-tfal jista' jwassal għall-marġinalizzazzjoni kif ukoll għall-esklużjoni, u għandu implikazzjonijiet negattivi fuq l-integrazzjoni sussegwenti fis-suq tax-xogħol u l-ħajja soċjali;
- L. billi l-popolazzjoni tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant qed tixjieħ, u l-irtirar tal-ġenerazzjoni tal-"isplużjoni fir-rata ta' twelid" jirrappreżenta sfida kbira għall-effiċjenza tar-riformi, kif ukoll l-istabbiltà u t-tkabbir ekonomiċi;
- M. billi, għalkemm kull Sieħeb tal-Lvant għandu approċċ differenti għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, għandhom jiġu adottati riformi kontinwi sabiex jibqgħu kompetittivi, joħlqu impjiegi u jiġġieldu kontra l-faqar;
- N. billi s-Sħubija tal-Lvant għandha tkun ibbażata fuq integrazzjoni ekonomika ulterjuri bejn l-UE u l-imsieħba tagħha, u fuq l-appoġġ tal-kummerċ u l-liberalizzazzjoni tal-investiment fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, bl-oġettiv li jiġi stabbilit netwerk ta' żoni ta' kummerċ ħieles profondi u komprensivi;
- O. billi l-kooperazzjoni fis-Sħubija tal-Lvant għandha l-għan li ġġib effetti pożittivi billi sservi ta' pjattaforma għall-iskambju ta' opinjonijiet, sabiex jinstabu pożizzjonijiet komuni dwar l-isfidi globali ta' żminijietna, inklużi l-ekonomija, il-kummerċ, il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u t-tisħiħ tar-rapporti bejn il-pajjiżi tar-reġjun u tal-UE, kif ukoll bejn il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant stess;
- P. billi l-promozzjoni tal-kummerċ, l-aċċess għas-suq tax-xogħol, il-kura medika u s-servizzi soċjali bażiċi hija indispensabbli għat-tnaqqis tal-faqar;
- Q. billi s-servizzi soċjali, u b'mod partikolari l-aċċess għas-servizzi għall-kura tat-tfal, tal-anzjani u ta' dipendenti oħrajn, huma essenzjali biex ikun hemm parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u tal-irġiel fis-suq tax-xogħol, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ;
- R. billi reġjuni iktar paċifiċi, siguri, stabbli u mhux f'konflitt irawmu żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli tal-pajjiżi kkonċernati, jeliminaw ostakoli għall-kooperazzjoni reġjonali u joħlqu opportunitajiet għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant;
- S. billi l-Politika Ewropea tal-Viċinat il-ġdida għandhom l-għan li tappoġġja żvilupp ekonomiku inklużiv sabiex il-ġirien tal-UE jkunu jistgħu jinnegozjaw, jinvestu u jkabbru l-ekonomiji tagħhom b'mod sostenibbli, filwaqt li jnaqqsu l-inugwaljanzi u l-faqar soċjali u reġjonali, u joħlqu impjiegi għall-popolazzjoni tagħhom u jipprovdu standards ta' ħajja ogħla;

Impenn politiku biex jitnaqqas il-faqar

- 1. thegħeġ kull pajjiż tas-Sħubija tal-Lvant sabiex jikkunsidra jistabbilixxi miri espliċiti u ambizzjużi għat-tnaqqis tal-faqar;
- 2. tistieden kull pajjiż tas-Sħubija tal-Lvant sabiex jiġi żgurat li biżżejjed riżorsi baġitarji jew alternattivi jiġu allokati għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, filwaqt li jiffaċilitaw l-aċċess għal dawk ir-riżorsi għall-partijiet interessati rilevanti; tistieden lill-Istati Membri tal-UE sabiex jiżguraw li r-riżorsi neċessarji jkunu disponibbli fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss għall-perjodu 2014-2020 sabiex tiġi ffinanzjata l-Azzjoni Esterna tal-UE, u speċjalment il-programmi tas-Sħubija tal-Lvant;

3. tħeġġeġ il-pajjiżi kollha tas-Sħubija tal-Lvant sabiex jużaw b'mod sħiħ l-istrumenti finanzjarji għall-appoġġ tal-koeżjoni soċjali u territorjali, b'attenzjoni partikolari għall-ġlieda kontra l-faqar urban u rurali;
4. tenfasizza l-bżonn għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-indipendenza ekonomika tan-nisa, b'enfasi partikolari fuq ir-riskju oġġa ta' faqar għan-nisa anzjani, meta jitqies li d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u, konsegwentement, d-differenza bejn il-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa għadhom waħda mir-raġunijiet prinċipali għala n-nisa jsibu ruħhom taħt il-livell ta' faqar iktar tard f'ħajjithom, kif jiġri wkoll lill-ġenituri waħedhom, in-nisa b'diżabilità u n-nisa minn minoranzi etniċi;
5. tenfasizza li l-kompetittività u l-prosperità ekonomika fil-futur tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant jiddependu b'mod kruċjali fuq il-ħila tagħhom li jużaw b'mod sħiħ ir-riżorsi tax-xogħol tagħhom, li jinkludu aktar parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol;
6. tenfasizza l-importanza tal-ġlieda kontra l-faqar qalb il-persuni b'diżabilità billi jingħatalhom aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, billi jitneħħew l-ostakoli għall-eżerċizzju sħiħ tad-drittijiet tagħhom, billi jiġi żviluppati servizzi li jirrispondu għall-bżonnijiet tagħhom, u billi jingħatalhom aċċess ugwali għal kura medika modernizzata;
7. tistieden lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant sabiex jimpjenjaw ruħhom kompletament għall-eliminazzjoni tan-nutrizzjoni ħażina, li għandha konsegwenzi mifruxa fuq is-saħħa u żżid il-piż u l-kost tal-kura għall-individwi u s-soċjetà;
8. tistieden lill-Unjoni Ewropea sabiex tħeġġeġ il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant jindirizzaw in-nutrizzjoni ħażina tat-tfal u jnaqqsu b'mod attiv il-livelli tat-twaqqif tal-iżvilupp u d-deterjorazzjoni tat-tfal taħt l-eżi ta' ħames snin billi joħlqu sħubiji pubbliċi-privati flimkien ma' responsabbiltà soċjali korporattiva; tenfasizza li tali approċċi, kif appoġġjati mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Marzu 2013, intitolata "Intejbu n-Nutrizzjoni Materna u dik tat-Tfal fl-Assistenza Esterna: qafas politiku tal-UE", mhux biss jipprovdu benefiċċji soċjali u ekonomiċi diretti iżda wkoll għandhom impatt twil fuq l-ispejjeż relatati mas-saħħa;

Il-ġlieda kontra l-faqar permezz tal-iżvilupp ekonomiku, il-kummerċ u l-integrazzjoni reġjonali

9. tenfasizza l-fatt li l-kummerċ huwa wieħed mill-modi l-iktar effiċjenti sabiex jitravwem it-tkabbir ekonomiku, kif ukoll aspett ewlieni għall-iżvilupp sostenibbli u għat-titjib tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali fil-pajjiżi fis-Sħubija tal-Lvant;
10. tirrikonoxxi l-importanza tal-iżvilupp ekonomiku, tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ u tal-integrazzjoni tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant fl-ekonomija globali fit-termini tal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali; tindika li pajjiżi integrati fil-kummerċ ħieles gawdex minn tkabbir ekonomiku għoli u titjib fl-indikaturi tal-faqar tagħhom;
11. tħeġġeġ l-integrazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant permezz tal-iżvilupp tas-suq reġjonali tagħhom permezz tan-negozjati u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet reġjonali, kif ukoll tal-ftehimiet bilaterali mal-Unjoni Ewropea;
12. tenfasizza l-importanza tan-negozjati dwar il-ftehimiet tal-Assoċjazzjoni, inkluż id-DCFTAs, bħala għodda essenzjali għall-istimulazzjoni tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u l-eliminazzjoni tal-barrieri fil-kummerċ fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, u b'hekk għall-ġlieda kontra l-faqar b'mod effettiv u sostenibbli;
13. tistieden kull pajjiż tas-Sħubija tal-Lvant sabiex jinkludi l-kummerċ fl-istrateġiji ta' żvilupp tiegħu, peress li huwa fattur ekonomiku qawwi li jikkontribwixxi għat-tnaqqis fil-faqar permezz ta' appoġġ għal integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali u governanza ekonomika effettiva, kif ukoll permezz tal-iżvilupp tal-kapital uman, il-promozzjoni ta' standards bażiċi tax-xogħol, u aċċess aħjar għas-suq (partikolarment għal nies f'żoni rurali);
14. tindika li t-tneħħija tal-barrieri tal-kummerċ, flimkien mar-riformi domestiċi, jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal żvilupp ekonomiku sostenibbli u għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali; tenfasizza li s-setgħa tal-integrazzjoni reġjonali tissaħħaħ meta l-kooperazzjoni tmur lil hinn mill-fruntieri u tiġi estiża għal integrazzjoni iktar profonda fl-ekonomija tad-dinja;

15. tilqa' l-impenn tal-maġġoranza tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant għall-ftehimiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) bħala sors ta' stabbiltà għal politiki relatati mal-kummerċ domestiku kredibbli u bħala inċentiv għal ambjent kummerċjali regolatorju u istituzzjonali mtejjeb;
16. tistieden lill-Unjoni Ewropea u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) sabiex jappoġġjaw il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant fl-isforzi tagħhom għar-riforma u ż-żieda fil-kapaċità tal-kummerċ b'assistenza teknika u finanzjarja addizzjonali, u ssejjaħ lill-Kummissjoni sabiex tqis kif jistgħu jinkisbu dawn l-oġettivi;
17. tenfasizza li n-natura tar-riforma tal-politika kummerċjali għandha tirrifletti l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' kull pajjiż tas-Sħubija tal-Lvant u għandha tkun riżultat ta' djalogu nazzjonali li jinvolvi r-rappreżentanti tal-gvern, tas-settur privat u tas-soċjetà tax-xogħol u ċivili, u għandha takkumpanja riformi makroekonomiċi u istituzzjonali li jrawmu t-tkabbir u jippromwovu l-iżvilupp tal-bniedem;
18. tappoġġja l-iżvilupp tal-approċċi transsettorjali li jippermettu l-azzjoni f'bosta oqsma relatati mal-politika, bħall-impjiegi, l-edukazzjoni, is-saħħa, iż-żgħażaġh, id-djar u l-protezzjoni soċjali;

Il-ġlieda kontra l-faqar permezz tal-impjiegi, is-servizzi soċjali, l-edukazzjoni u t-taħriġ

19. tindika li l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali teħtieġ li tiddependi fuq it-tkabbir u l-impjiegi, kif ukoll fuq politika ta' protezzjoni soċjali moderna u effettiva; tindika li l-Istħarriġiet tal-Eurofound dwar il-Kwalità tal-Ħajja ⁽¹⁾ kkonfermaw li wieħed mill-aktar mezzi importanti ta' kif titjieb il-kwalità tal-ħajja ta' popolazzjoni, b'mod li tkun permessa l-integrazzjoni sħiħa fis-soċjetà u li jkun hemm il-koeżjoni soċjali u territorjali, huwa l-għoti u l-iżvilupp ta' servizzi soċjali;
20. tqis li s-servizzi soċjali jħaddnu servizzi statutorji u servizzi ta' skemi ta' sigurtà soċjali komplementari u li huma universalment disponibbli mogħtijin direttament lill-persuna, bl-iskop li jseddqu l-kwalità tal-ħajja ta' kulħadd; għandhom rwol fil-prevenzjoni, il-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali, u jwettqu d-drittijiet fundamentali;
21. tħeġġeġ lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant sabiex jippromwovu d-disponibbiltà ta' servizzi soċjali aċċessibbli, affordjabbli, ta' kwalità għolja, u jiggarrantixxu aċċess mhux diskriminatorju għal dawn is-servizzi, irrispettivament mis-sess, l-introjt, ir-razza jew l-orijini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età, l-orjentazzjoni sesswali jew il-kundizzjonijiet tal-impjiegi;
22. tqis il-qgħad bħala waħda mill-kawżi prinċipali tal-faqar għall-popolazzjoni tal-età tax-xogħol tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, u b'hekk tenfasizza li kwalunkwe politika rilevanti għandha tiffoka prinċipalment fuq il-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli; tenfasizza l-bżonn li n-nies jiġu pprovduti b'edukazzjoni, taħriġ u ħiliet adegwati li jippermettulhom li jiksbu xogħlijiet kompetittivi;
23. tisħaq li l-promozzjoni tal-impjiegi għall-ġenituri hija fattur ewlieni fil-ġlieda kontra l-faqar tat-tfal, peress li l-faqar ħafna drabi "jintiret"; tħeġġeġ l-adozzjoni ta' miżuri li jagħtu lill-ġenituri aċċess aħjar għal taħriġ u kwalifiki speċjali, li jappoġġjaw lill-ġenituri fid-dħul fis-suq tax-xogħol jew fid-dħul mill-ġdid wara pawża fil-karriera, u li jagħtuhom ħin ta' xogħol flessibbli u kundizzjonijiet ta' liv;
24. tistieden lill-gvernijiet sabiex jappoġġjaw l-introjt ta' familji bi tfal permezz ta' benefiċċji tat-taxxa, benefiċċji għat-tfal, benefiċċji tal-flus, kura tat-tfal, u benefiċċji residenzjali għal familji bi bżonnijiet speċjali (ħafna tfal, tfal b'diżabbiltà, ġenituri waħedhom, familji tar-rispett); tistieden lill-UE tippromwovi standards ta' xogħol u soċjali fir-relazzjonijiet tagħha mal-imsieħba;
25. titlob li l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali taż-żgħażaġh issir permezz tat-titjib tas-servizzi edukattivi, speċjalment f'żoni żvantaġġjati, u tal-modernizzazzjoni tal-infrastruttura għall-edukazzjoni preprimarja u skolari, kif ukoll permezz ta' taġġil informali u metodi ta' parteċipazzjoni;

⁽¹⁾ Eurofound – Stħarriġiet dwar il-Kwalità tal-Ħajja <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef09108.htm>

26. tistieden lill-UE sabiex tniedi u tiżviluppa aktar programmi ta' skambju u ta' taħriġ vokazzjonali għall-istudenti, kif ukoll għall-għalliem, billi jiżiedu s-sinerġiji bejn l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' taħriġ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-impriżi; tisħaq l-importanza li jiġu adattati l-ħiliet għas-suq tax-xogħol, biex b'hekk ikun hemm tranżizzjoni għal ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklużiva; tenfasizza l-bżonn li tiżied il-kapaċità taż-żgħażaġh li jsibu xogħol fil-qasam li jinteressahom, kif ukoll li jkunu iktar konxji dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-politika tal-ġeneru, u l-protezzjoni tat-tfal u tal-persuni b'diżabilità;
27. tindika li l-indirizzar tal-barrieri speċifiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom it-tfaliet meta jfittxu xogħol għandu jkun ċentrali għall-approċċ progressiv għall-qgħad fost iż-żgħażaġh; jistieden lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant jiffukaw fuq l-istrateġiji li jgħaqqu l-politiki dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ mal-politiki dwar l-impjiegi fil-mira għan-nisa żgħażaġh;
28. tenfasizza li iktar programmi ta' faċilitazzjoni tal-viżi u ta' mobilità se jagħtu ċans aħjar liż-żgħażaġh fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant li jksbu edukazzjoni barra minn pajjiżhom u jiskambjaw l-esperjenzi; tistieden lill-Kummissjoni biex tassisti lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant teknikament u finanzjarjament fl-approssimazzjoni ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla u standards lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Ogħla;
29. tistieden lill-Unjoni Ewropea tħeġġeġ lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant jipprovdu opportunitajiet għal taħriġ, internships u apprentistati għaż-żgħażaġh matul il-karriera edukattiva tagħhom, li jtejb l-impjegabbiltà tagħhom billi jżidu l-esperjenza ta' xogħol tagħhom; tistieden lill-gvernijiet tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant sabiex isaħħu fuq livell leġiżlattiv il-mekkaniżmi ekonomiċi bl-għan li jħeġġu l-impjegaturi joffru l-ewwel impjiegi lill-gradwati, kif ukoll opportunitajiet ta' taħriġ u ta' internship lil studenti ta' skejjel vokazzjonali u ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla;

Il-għieda kontra l-faqar permezz tal-faċilitazzjoni tal-iżvilupp tal-SME

30. tisħaq li l-miżura l-iktar fundamentali għat-tnaqqis fil-faqar taż-żgħażaġh hija t-trawwim tal-impjiegi taż-żgħażaġh u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda billi titjeb il-kwalità tal-ambjent tan-negozju għall-SMEs; tqis l-iżvilupp tat-tagħrif u l-ħiliet tal-intraprenditorjat bħala bażi fundamentali għal strateġiji nazzjonali diżinjati u implimentati sew;
31. tindika li l-intraprenditorjat fost in-nisa jirrappreżenta sors siewi ta' tkabbir ekonomiku u ħolqien ta' impjiegi; b'hekk tistieden lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant jippromwovu l-intraprenditorjat fost in-nisa, kif ukoll l-aċċess għal finanza, u disponibbiltà akbar għal skemi ta' konsulenza esperta, programmi ta' taħriġ u edukazzjoni;
32. tistieden lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant ineħħu l-barrieri għall-iżvilupp tal-SMEs, inklużi kompetizzjoni u monopolji mxejjlin u iġusti, jiġġieldu kontra l-korruzzjoni fl-awtoritajiet responsabbli mir-reġistrazzjoni, it-tassazzjoni, is-sanità, il-katast, id-dazju u l-korpi l-oħra ta' kontroll tal-SMEs, u jiffaċilitaw il-proċess għall-kisba tal-kreditu bankarju, li huwa spiss ostakolat b'rati ta' imgħax partikolarment għoljin u proċeduri kkomplikati;
33. tenfasizza l-fatt li l-integrazzjoni reġjonali, li hija waħda mill-elementi ewlenin għat-tkabbir tal-kummerċ, tipprovdi wkoll inċentivi għal politiki sodi ftali oqsma bħall-istandards, il-ħarsien tal-proprietà intellettwali u l-ħarsien soċjali; tisħaq li l-kapaċità għall-kummerċ għandha bżonn titjeb permezz ta' assistenza oħra fl-iżvilupp relatata mal-kummerċ, inklużi politiki settorjali u ta' taxa li jtejb l-klima tal-investment, kif ukoll permezz ta' appoġġ adegwat għall-iżvilupp tas-settur privat, partikolarment għall-intraprenditorjat għir u medju; tesprimi appoġġ għall-iżvilupp tas-swieq u l-istituzzjonijiet reġjonali fost il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, partikolarment permezz tan-negozjati, il-konklużjoni u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet bilaterali u reġjonali mal-UE;

Sistemi ta' pensjoni

34. tqis li l-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' pensjoni għandha tkun minn tal-ewwel fl-aġenda għat-tnaqqis tal-faqar tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant; tenfasizza l-bżonn li tiġi salvagwardjata l-kapaċità ta' pensjonijiet li jipprovdu dħul sigur u adegwat għal pensjonanti rtirati; tisħaq li l-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' pensjoni għandha tirrispondi għall-bżonnijiet li qed jinbidlu tas-soċjetà u tas-suq tax-xogħol;

35. tindika li dawk li jfasslu l-politiki nazzjonali fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant jibqgħu responsabbli għas-sistemi ta' pensjoni; tissuġġerixxi li s-sistemi ta' pensjoni għandhom jipprevjenu b'mod effettiv il-faqar u l-esklużjoni soċjali fost il-pensjonanti billi jipprovdur standard diċenti ta' ħaġġa meta jirtiraw;
36. tqis li s-sistemi ta' pensjoni għandhom jiġu riveduti sabiex ikunu finanzjarjament sostenibbli u konsistenti mal-iskemi tal-irtirar u l-benefiċċji tat-taxxa;

Kura tas-saħħa

37. tirrikonoxxi li l-iżvilupp tas-sistemi ta' kura tas-saħħa għandu rwol kruċjali fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;
38. tinsisti li jitnaqqas ir-riskju tal-faqar relatat mas-saħħa permezz ta' sistemi ta' kura tas-saħħa ta' kwalità għolja li huma aċċessibbli u finanzjarjament sostenibbli, filwaqt li jitqiesu l-bżonnijiet u d-diffikultajiet tal-gruppi u l-individwi l-iktar żvantaġġjati;
39. tesprimi tħassib li n-nutrizzjoni ħażina mhijiex rikonoxxuta mill-pubbliku ġenerali bħala riskju sinifikanti għas-saħħa pubblika; tenfasizza l-fatt li n-nutrizzjoni ħażina għandha tiġi indirizzata fuq kull livell, mill-gvernijiet, mill-fornituri tal-kura tas-saħħa u soċjali, minn professjonisti u mill-individwi stess;
40. tistieden lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant sabiex jimplimentaw il-mekkaniżmi, politiki u programmi neċessarji sabiex jiżguraw li l-prevenzjoni u l-ġestjoni tan-nutrizzjoni ħażina tiġi stabbilita sew fl-ambjenti kliniċi u ta' kura kollha;
41. tistieden lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant sabiex iżidu l-isforzi għall-prevenzjoni tal-mard trażmess sesswalment u tippromwovi programmi ta' prevenzjoni; tfakkar li t-tilqim kontra l-epatite B kienet ta' suċċess kbir u naqqset ir-rata ta' infezzjoni kronika għal inqas minn 1 % fost it-tfal imlaqqma madwar id-dinja; tindika li t-teħid tal-marda tal-HIV spiss twassal għall-esklużjoni soċjali; b'hekk thegħġegħ lill-gvernijiet tal-pajjiżi kkonċernati sabiex jiżviluppaw politiki attivi għall-prevenzjoni u t-trattament tal-HIV, kif ukoll kampanji informattivi dwar l-imġiba li twassal għat-trażmissjoni u l-prevenzjoni tagħha;
42. tagħti struzzjoni lill-Ko-Presidenti tagħha biex jgħaddu din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/il-Viċi President tal-Kummissjoni, lis-SEAE, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant.
-